**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 169/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Warren Abraham Scicluna**

Illum l-ewwel (1) ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Warren Abraham Scicluna**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 382369(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-31 ta' Marzu 2018 għal ħabta tal-11:00hrs ġewwa residenza 35, Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta:

1. mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun fixkel lil Melanie

Scicluna fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew skont iċ-ċirkostanzi li jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-Qorti u dan skont Artikoli 377(3) u 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li, f'każ ta' ħtija, barra milli tagħti l-piena stabbilita skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 85, 377(3) u 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' tliet mija u ħamsin Euro (€350). *Ai termini* ta' Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat sabiex fi żmien xahar mid-data tas-sentenza jagħti aċċess lil Melanie Scicluna fid-dar li tinstab ġewwa r-Rabat. Il-Qorti saħqet li ma setgħetx tapplika Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li qalet li ma kienx sar Rikors minn naħa tal-Prosekuzjoni. Il-Qorti ma ħaditx konjizzjoni tat-talba *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li rriżultalha li ma kienx hemm ħatra ta' esperti.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**TĦASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull ħtija u piena"*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Settembru 2020.

Illi qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li wassal lill-appellant allura imputat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi l-fatti tal-każ huma relattivament sempliċi b'dana illi l-*parte civile* Melanie Scicluna u l-appellant kienu miżżewġa u fil-perjodu tal-allegat reat huma kienu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni. L-appellant u l-*parte civile* kienu sidien nofs bin-nofs ta' fond bin-numru 35, Triq ir-Repubblika, Rabat. Mill-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* Melanie Scicluna jirriżulta li kellha bżonn tiġbor xi affarijiet mill-fond *de quo* u meta marret sabiex tiftaħ il-bieb ta' barra tal-fond sabet serratura miżjuda mal-bieb u għalhekk ma setgħetx taċċedi għal fond. Rinfaċċjata b'dan, il-*parte civile* marret tagħmel rapport lill-Pulizija fejn dawn ikkuntattjaw lill-appellant u talbuh biex imur l-Għassa. Jidher li għal raġunijiet varji, l-appellant irrifjuta li jmur l-Għassa. Sussegwentement irriżulta li l-fond in kwistjoni kien ġie mikri lil terzi unilateralment mill-appellant.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant iressaq aggravju prinċipali li huwa msawwar b'numru ta' argumenti u din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ l-argumenti b'mod separat.

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa biex tikkunsidra dak li ġie mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-aggravju mressaq mill-appellant huwa jgħid li kirja minn ko-pussessur m'huwiex reat kriminali. Jirreferi għal fatt li l-*parte civile* ilmentat li kienet żdiedet serratura fil-bieb ta' barra b'dana illi hija ma setgħetx tidħol fil-fond bin-numru 35, Triq ir-Repubblika, Rabat. Jisħaq li ma nġabet l-ebda prova li kien hu li żied is-serratura hekk kif rikonoxxut ukoll mis-sentenza appellata. Jargumenta li minkejja dan l-Ewwel Qorti xorta sabitu ħati minħabba li huwa kera l-fond *de quo* mingħajr ma ġab il-kunsens tal-*parte civile* u dana minkejja l-fatt li tali kirja ma kinitx ir-raġuni għalfejn il-*parte civile* għamlet ir-rapport lill-Pulizija.

Illi rigward il-fatt li ġiet iffirmata skrittura ta' kirja, l-appellant jilmenta li l-Kodiċi Ċivili jagħti rimedju lill-ko-proprjetarju li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu għal kirja. Ikompli jgħid li peress li l-iskrittura ta' kirja kienet għal sentejn mill-1 ta' April 2018, il-

pussess tal-fond għadda għand l-inkwilin. Jisħaq li kien fl-impossibilita' li jagħti aċċess lill-*parte civile* peress li l-fond kien għadda għand terzi. Jgħid ukoll li stante li l-pussess kien għadda għand l-inkwilin ma seta' qatt jintalab dak li hemm provdut f'Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè li jingħata aċċess lill-*parte civile* għall-fond in kwistjoni.

Illi l-appellant jisħaq li l-uniku reat li l-Ewwel Qorti setgħet issibu ħati tiegħu kien dak marbut maż-żieda tas-serratura u stante li dan ma ġiex ippruvat hu ma kellux jinstab ħati. Jargumenta li ġialadarba l-fatt in kwistjoni ma ġiex ippruvat, l-Ewwel Qorti kien messha waqfet hemm u mhux daħlet sabiex tanalizza jekk l-iskrittura ta' kirja taqax taħt dak li hemm ikkontemplat f'Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jispiċċa billi jgħid li l-kirja tal-fond mingħajr il-kunsens tal-ko-propjetarju l-ieħor ma jikkwalifikax bħala reat kriminali.

Illi din il-Qorti tinnota li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat ma hijiex limitata għal fatt li kien hemm serratura ġdida iżda d-diċitura tal-imputazzjoni hija li huwa fixkel lil *parte civile* Melanie Scicluna mit-tgawdija ta' ħwejjiġha. It-tibdil jew aħjar iż-zieda ta' serratura ġdida hija fil-fehma ta' din il-Qorti intrinsikament marbuta mal-fatt li l-fond *de quo* kien ġie mikri. Din l-azzjoni kienet neċessarjament meħtieġa sabiex l-inkwilin il-ġdid jiġi protett fit-tgawdija tal-fond *de quo*. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant meta huwa jgħid li darba li l-Ewwel Qorti ma sabitux ħati tal-fatt li biddel is-serratura kien messha tieqaf hemm. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li t-tfixkil ma kienx biss minħabba li żdiedet is-serratura iżda tali tfixkil kien li żdiedet serratura minħabba li l-fond inkera lil terzi hekk kif jirriżulta wkoll mid-data ta' meta ġiet iffirmata l-iskrittura ta' kirja (*a fol.* 32 *et seq.*).

Illi din il-Qorti tirreferi għal argument imressaq mill-appellant li huwa kellu d-dritt li jiffirma l-iskrittura in kwistjoni u li tali dritt jiġi mogħti lilu mill-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 1527(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-kiri ta' fond urban, dar għall-abitazzjoni jew fond kummerċjali li jkun fil-pussess ta' aktar minn persuna waħda <u>għandu jsir mill-kom-pussessuri</u> iżda mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1530." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant meta jgħid li huwa kellu d-dritt jiffirma l-iskrittura ta' kirja in kwistjoni stante li d-dritt huwa vestit fil-kom-pussessuri b'mod kumulattiv.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tara jekk minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali l-Ewwel Qorti setgħetx issib lill-appellant ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"* li huwa ġie akkużat bih.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- <u>l-ewwel element</u>: att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- <u>it-tieni element</u>: l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- <u>it-tielet element</u>: ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh (*"di privato braccio"*) dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- <u>ir-raba' element</u>: l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi*

*oħra.*"[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

Illi minn analiżi tal-fatti hekk kif jirriżultaw fl-atti proċesswali ta' dan il-każ, din l-Qorti hija tal-fehma li l-firma ta' skrittura ta' kirja tista' faċilment tikkwalifika bħal att estern. Jirriżulta ampjament li l-*parte civile* ma tatx il-kunsens tagħha sabiex jinkera l-fond in kwistjoni. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija mill-*parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018 fejn tgħid hekk (*a fol.* 14):

> "Għedtlu: *"jien ma tajtu l-ebda permess lil dan ir-raġel li jikrilek il-post."*"

Illi għalhekk l-ewwel element jirriżulta ppruvat.

Illi rigward it-tieni u t-tielet element jirriżulta li l-appellant iffirma l-iskrittura ta' kirja (*a fol.* 32 *et seq*). Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżulta li l-appellant kien qed jeżerċita jedd li kien jemmen li kellu. Minbarra dan mill-affidavit ta' PS 125 Malcolm Mifsud (*a fol.* 3 *et seq.*) jidher ukoll li l-appellant semma li kien ser jirrifjuta li jagħti aċċess lill-*parte civile* għal raġunijiet tiegħu. Jirriżulta għalhekk li l-appellant kien qed jieħu l-liġi b'idejh minħabba li skont huwa l-*parte civile* ma kinitx qed tħallas il-*loan* u minħabba li ħadet xi affarijiet li fil-fehma tiegħu hija ma messiex ħadet.

Illi lanqas huwa minnu dak li jgħid l-appellant li huwa ma setax jagħti l-aċċess tal-fond lill-mara tiegħu minħabba li l-post kien mikri u li *ergo* kien l-inkwilin li kellu l-jedd li jagħti aċċess għall-fond. Kif issottometta l-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm tiegħu quddiem din il-Qorti, mill-iskrittura ta' kirja (*a fol.* 32 *et seq.*), b'mod speċifiku minn klawsola 27 tal-iskrittura, jirriżulta ċar li l-appellant kellu l-aċċess neċessarju għal fond u saħansitra rriżerva tali jedd anke għal persuna minnu appuntata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-punt ixejjen ukoll dak li jgħid l-appellant fir-rigward ta' applikazzjoni

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

ta' Artikolu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, jirriżulta li t-tieni u t-tielet element ġew ippruvati wkoll

Illi rigward ir-raba' element u ċioè li l-azzjonijiet tal-appellant ma għandhomx jinkwadraw f'reat aktar gravi din il-Qorti hija tal-fehma li fir-rigward tal-*parte civile* l-azzjonijiet tal-appellant ma jikkwalifikawx bħal reat aktar gravi. Lanqas jista' wieħed jgħid li l-appellant kien qed iżomm pussess ta' xi ħaġa li diġa' kellu stante li l-pussess tal-fond kien vestit nofs bin-nofs bejn l-appellant u martu l-*parte civile.*

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward ta' dak li ġie akkużat bih quddiemha u għaldaqstant l-argumenti mressqa mill-appellant fir-rigward tal-aggravju tiegħu qed jiġu kollha miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Warren Abraham Scicluna u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-terminu hemm imsemmi fir-rigward ta' Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jibda għaddej millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**